# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.14

## ĦTIĠIET DWAR *STANDARDS* U PRATTIKA LI JAPPLIKAW GĦAL BULETTINI TA' L-AĦBARIJIET U L-PROGRAMMI TA' ĠRAJJIET KURRENTI

17 ta' Ottubru, 2008

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 896 ta' l-2008.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika li japplikaw għal Bulettini ta' l-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti. Titolu.

TAQSIMA 1

Introduzzjoni

**1.** Daħla

1.1 L-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Att tal-1991 dwar ix-Xandir, kif emendat, illum Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel l-Awtorità tax-Xandir l-għassies legali tal-imparzjalità u r-reqqa fl-aħbarijiet u fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

1.2 Ix-xandara tar-radju u tat-televiżjoni jridu jħejju u joħorġu bir-reqqa kollha meħtieġa, rapporti ta' aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

1.3 L-Awtorità trid tara wkoll li x-xandar jibqa' jżomm imparzjalità sħiħa fejn jidħlu ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien.

1.4 Għandu jitħares u jkun stmat il-jedd tal-ħajja privata u familjari kif ukoll id-dritt tal-kelma u tat-tagħrifa ħielsa.

1.5 L-Awtorità tax-Xandir għandha tiżgura li kulma hu maħsub f'dan id-dokument ikun jaqbel mal-prinċipji mniżżla fil-Kostituzzjoni u mal-istrumenti legali li jwettquhom.

1.6 Dawn il-Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa tal-artikolu 20(3) tal-Att dwar ix-Xandir, Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

TAQSIMA 2

Tifsir u Tfehim

**2.** Tifsir u Tfehim

2.1 L-Aħbar

2.1.1 L-uniku kriterju biex tiddaħħal xi ħaġa f'rapport tal-aħbarijiet irid ikun is-siwi tagħha bħala aħbar. L-aħbar nistgħu nfissruha bħala notizzja, tagħrifa ta' ġrajja ġdida jew li għadha kif seħħet. Il-valuri li l-aktar jissemmew tal-aħbar huma dawk ta': kemm tkun f'waqtha jew fil-qrib, kemm tispikka jew hi kbira, l-impatt li jkollha, it-taħwid li taqla' u wkoll l-istramberija tagħha.

2.1.2 Xandar jista' jressaq siltiet għall-aħbarijiet dwar kull

xorta ta' suġġett li jagħżel. Din l-għażla ħielsa marbuta mal-qadi tad-dmir li jiżgura s-sens tal-ħaqq u l-ħarsien tas-sewwa.

2.1.3 Minkejja dan, jistgħu biss isiru kummenti sakemm:

i. ikollhom x'jaqsmu direttament mal-iżvilupp tal-istorja;

ii. ikunu preċiżi, fattwali u etikament korretti;

iii. ikunu bilanċjati; u

iv. jinstemgħu l-ideat ta' min jifhem skont xi jkun is-suġġett tal-aħbar.

2.1.4 Il-Kap tal-Aħbarijiet fid-dmir jiddeċiedi dwar dak li għandu siwi ta' aħbar.

2.2 L-Interess Pubbliku

2.2.1 L-interess pubbliku m'għandux jingħalaq f'tifsir limitat u ristrett. Meta xi ħaġa, tant tolqot il-biċċa l-kbira tan-nies li tqajmilhom tabilħaqq interess jew tħassib dwar dak li jkun qed jiġri, jew x'jista' jseħħ lilhom jew lill-oħrajn, hemm imbagħad tkun iva xi ħaġa ta' interess pubbliku li kulħadd ikollu l-jedd jgħaddi kumment għaqli dwarha.

2.2.2 Kull għemil li jitlob ħarsien tal-interess pubbliku jrid jintqies ma' kemm jaqdi l-interess għal dak il-waqt. Xi eżempji dwar kif il-medja tista' taqdi l-interess pubbliku huma:

i. l -istħarriġ u l-kxif ta' xi delitt jew reat ieħor serju;

ii. il -ħarsien tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà tal-ħajja;

iii. ma tħallix il-pubbliku jitgħallat b'xi dikjarazzjoni jew għemil minn xi ħadd jew xi għaqda;

iv. il-kxif ta' nuqqasijiet kbar ta' ħila f'karigi pubbliċi.

2.2.3 Tinħtieġ tingħata attenzjoni speċjali fejn jidħlu t-tfal, u nies oħra aktarx dgħajfa (bħalma huma l-anzjani, nies b'diżabilità eċċ.) biex ikollhom protezzjoni xierqa u ħarsien minn kull ħsara. Meta jkun hemm imdeffsin iż-żgħar, ix-xandara jridu jqisu l-ewwel u fuq kollox is-saħħa fiżika, mentali u emozzjonali tagħhom. L-edituri tal-aħbarijiet iridu juru interess pubbliku eċċezzjonali li jisboq l-interess ewlieni li dawn in-nies normalment jistħoqqilhom.

2.2.4 Ir-responsabbiltà li tiġġustifika kull tbegħid mill-ħtiġiet imsemmija f'dan id-dokument għal raġunijiet ta' interess pubbliku għandha taqa' kollha fuq il-ġurnalista u x-xandar.

2.3 Ġrajjiet Kurrenti

2.3.1 Għall-iskopijiet ta' dan id-dokument "Ġrajjiet Kurrenti" (*Current Affairs*) tfisser programm li jkun fih spjega u/jew analiżi ta' ġrajjiet u argumenti ta' llum, kif ukoll materjal li jkollu x'jaqsam ma' kontroversji politiċi u/jew industrijali jew mat-tifsil tax-xejra pubblika. Il-programmi jridu jippreżentaw lis-semmiegħa u lit-telespettaturi argumenti intelliġenti u informattivi dwar x'inhu għaddej b'mod li jgħinuhom jaslu għall-konklużjonijiet personali tagħhom. Dan jista' jinkiseb bit-tħejjija ta' programmi ta' ġrajjiet

kurrenti li jaħsbu biex jeżaminaw fil-fond dak li jkun hemm wara l-ġrajjiet, jagħtu tagħrif, analiżi esperta, kumment infurmat u lok għal diskussjoni miftuħa.

2.4 Ix-Xandar

2.4.1 Kull individwu jew kumpanija li għandu/ha l-liċenza skont il-kondizzjonijiet tal-Att dwar ix-Xandir tat-televiżjoni jew tar-radju jissejjaħ xandar. Ix-xandar għandu r-responsabbiltà jiżgura li l-impjegati tal-istazzjon, bil-ġurnalisti, bl-edituri, bil-produtturi u bil-preżentaturi kollha jimxu skont dan id-dokument.

2.5 Il -Kap tal-Aħbarijiet

2.5.1 Kull riferenza f'dan id-dokument għall-Kap tal-Aħbarijiet tfisser, bla ebda preġudizzju għar-responsabbiltà tal-editur skont l-Att dwar l-Istampa, dak l-individwu fdat bir-responsabbiltà legali għall-kamra tal-aħbarijiet tal-istazzjon tax-xandir konċernat. Dan irid iwieġeb għal kull deċiżjoni li tittieħed dwar il-kontenut tar-rapporti tal-aħbarijiet u/jew programmi ta' ġrajjiet kurrenti mxandra mill-istazzjon tiegħu.

2.6 Minorenni

2.6.1 Għall-għanijiet tad-disposizzjonijiet ta' dan id-dokument "minorenni" tfisser xi ħadd li għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena.

2.7 Kariga Pubblika

2.7.1 Jitqies li għandu kariga pubblika kull min għandu impjieg pubbliku, kull min hu f'kariga pubblika magħrufa kif ukoll dawk kollha li għalkemm mhux uffiċjali pubbliċi jafhom kulħadd bħalma huma presidenti jew membri ta' xi korporazzjonijiet pubbliċi jew kumpaniji tal-gvern, uffiċjali ta' *trade unions*, ta' għaqdiet ta' min iħaddem jew ta' xi organizzazzjoni oħra bħal dawn, kif ukoll l-awtoritajiet tal-Knisja.

TAQSIMA 3

L-Integrità u r-Responsabbiltà tax-Xandar

**3.** L-Integrità u r-Responsabbiltà tax-Xandar

3.1 Il-ġurnalisti u x-xandara jridu jħarsu l-integrità u kredibbiltà tagħhom biex għemilhom ikun ħieles u maqtugħ minn kull setgħa li tista' tinfluwenzahom iżżejjed u ttellfilhom għażla ħielsa u xierqa.

3.2 Uffiċjali ta' partit politiku m'għandhomx ikunu involuti fil-ġbir ta' aħbarijiet, fil-produzzjoni u l-preżentazzjoni ta' aħbarijiet jew programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

3.3 Għajnuna finanzjarja qatt ma għandha tinfluwenza l-ħidma editorjali, il-kontenut u l-preżentazzjoni. Ġurnalista m'għandux jaċċetta kummissjonijiet jew iċedi għal min qed ifittex biex jirreklama għal skopijiet kummerċjali. Ma għandhomx jitwiegħdu favuri editorjali għal xi reklami mogħtija.

3.4 Kull żball irid jiġi rikonoxxut u korrett, malajr u pubblikament.

TAQSIMA 4

Rapporti ta' Aħbarijiet

**4.** Akkuratezza u Imparzjalità

4.1 Il-ħsieb individwali għandu jintgħaraf sewwa mill-ġrajja. Bl-istess mod, opinjonijiet u kummenti dwar siltiet ta' aħbarijiet għandhom jiġu biss wara rapport fuq il-fatti u għandhom jirrispettaw il-ħtiġiet imsemmija hawn fuq fis-subparagrafu 2.1.3.

4.2 L-Att tax-Xandir jitlob li l-Awtorità tax-Xandir tiżgura l-imparzjalità tax-xandar meta jirrapporta l-aħbarijiet l-aktar fejn jidħol dak li għandu x'jaqsam ma' kontroversja politika jew industrijali jew *policy* pubblika kurrenti.

4.3 Xandar irid jiżgura li l-elementi ewlenin ta' ideat opposti jridu jidhru f'rapport wieħed ta' aħbarijiet meta din tkun kontroversja ħajja mill-ġrajjiet kurrenti. Meta f'rapport wieħed ta' aħbarijiet ma jkunx possibbli li jidhru l-fehmiet kollha ta' kull naħa, l-editur ikollu jiddeċiedi hu, b'għaqal, x'għandu jsir.

4.4 Xandar m'għandu ebda jedd jippilla li r-rapporti tal-aħbarijiet minn stazzjonijiet oħra jistgħu jiżguraw li fihom jinstemgħu fehmiet opposti. Rapport tal-aħbarijiet għandu jkollu tiżwiqa ta' rapporti attivi u passivi. Ma għandux jidher qisu xi bord tal-avviżi u, forsi l-aktar importanti, parti minn magna tal-propaganda ta' xi organizzazzjoni.

4.5 Xandar irid ikun żgur li meta jittratta affarijiet ta' kontroversja kbira irid jagħmel ħaqq lill-medda sħiħa ta' fehmiet u perspettivi li ma jkunx hemm qbil dwarhom waqt li l-istess kontroversja tkun għaddejja.

4.6 Fejn tidħol kontroversja politika jew industrijali jew *policy* pubblika kurrenti, l-Att tax-Xandir jitlob li l-aħbarijiet, jingħataw kif jingħataw, iridu jkunu preżentati bir-reqqa u bl-imparzjalità xierqa kollha.

4.7 Kull rapport tal-aħbarijiet irid jilħaq dawn l-għanijiet:

i. l-aħbarijiet iridu jingħadu b'reqqa u bla preferenzi;

ii. l-aħbarijiet m'għandhomx ikunu editorjali;

iii. l-aħbarijiet m'għandhomx jintgħażlu biex jintlaħaq xi skop għal, jew ifixkel lil, ebda naħa f'kontroversja pubblika; u

iv. l-aħbarijiet m'għandhomx jitfasslu fuq it-twemmin, l-ideat jew ix-xewqat ta' min imexxi l-istazzjon jew ta' xi oħrajn li jkunu mqabbda bit-tħejjija jew ix-xandir tagħhom.

4.8 Aħbar trid tkun ġrajja li seħħet jew mibnija fuq fatti li ġraw. Stħajjil, tagħwiġ, tiżwiq, ħsibijiet, fehmiet jew twemmin personali m'għandhomx jitħallew jingħadu, kemm jekk meqjusa bħala kummenti kif ukoll bħala opinjonijiet kif ukoll jekk għandhom jew ma għandhomx x'jaqsmu ma' dak li jkun għaddej jew ukoll għaliex biss jistgħu - u kultant ikunu - qed jidħku bis-semmiegħ u jwasslu għat-taħwid jekk l-hekk imsejjaħ kumment/

opinjoni hux dak li l-istazzjon/xandar ħaseb jew ħareġ mill-fatt li jkun qed jiġi rappurtat.

4.9 Opinjonijiet editorjali għandhom jintwerew ċar x'inhuma u jinżammu maqtugħin mix-xandir regolari ta' rapporti tal-aħbarijiet.

4.10 Ma jistax jittalla' taħlit ta' aħbarijiet nofsu mibni, nieqes mill-preċiżjoni u kultant marbut jew imżewwaq b'kummenti partiġjani.

TAQSIMA 5

Rapporti minn fuq il-Post

**5.** Rapporti minn fuq il-Post

5.1 Meta jsiru rapporti minn fuq il-post il-ġurnalist jitħalla jgħaddi kumment ħieles, jagħti deskrizzjoni jew opinjoni professjonali bla preġudizzju dwar xi ħaġa li tkun ġrat, jew ukoll interpretazzjoni qasira biex tintwera aħjar jew tiftaħ aktar il-preżentazzjoni ta' storja tal-bidu, sakemm ma jkunx hemm ksur ta' *standards* jew ta' ħtiġiet ta' prattika msemmija f'dan id-dokument jew linji gwida oħra intenzjonati għall-ġurnalisti, kemm jekk huma tal-Awtorità jew mod ieħor.

5.2 Waqt rapporti minn fuq il-post trid tingħata attenzjoni speċjali għall-korrettezza, nuqqas ta' preġudizzju, ebda taħlit bejn l-aħbar u l-kumment editorjali, tbegħid minn kull tagħwiġ, tidwir jew sensazzjonaliżmu, rispett għall-privatezza u twarrib ta' kull konflitt ta' interessi.

5.3 Jekk *reporter* jgħaddi ġudizzju ġurnalistiku professjonali dan għandu jidher li jkun ġust u jiftiehem sewwa iżda mhux bħala opinjoni personali. L-udjenza m'għandhiex tkun tista' tqis l-opinjonijiet personali tal-preżentaturi u tar-*reporters* dwar suġġetti kontroversjali tat-tifsil tax-xejra pubblika.

TAQSIMA 6

Materjal Rikostitwit

**6.** Materjal Rikostitwit

6.1 Kull tixbiha ta' xi ġrajja fl-aħbarijiet televiżivi jew f'xi aħbar għal għarrieda għandu jkollha miktub ċar taħtha li dak li qed jidher mhux dak li ġara u m'għandux ikun hemm l-iċken dubju li jista' jinħaseb li hu filmat oriġinali tal-ġrajja. Meta jintuża filmat ix-xandar għandu jgħid ċar jekk hux ġdid jew meħud mill-arkivji. Ċerta teknika ta' filmati mdawra bil-mod jew jirrepetu l-istess xbihat għandha tintuża mill-inqas u dan biss meta tabilħaqq ikun meħtieġ isir xi enfasi dwar xi ħaġa jew xi għemil partikolari. Wieħed irid iqis ukoll ir-rispett li għandu jingħata lil dak li jidher fil-filmat; ċerti għemejjel/drawwiet li jdardru lanqas biss għandhom jintwerew, aħseb u ara kemm jiddawru bil-mod u/jew għal aktar minn darba.

6.2 B'materjal rikostitwit, wieħed jifhem biss dawk il-każijiet fejn issir drammatizzazzjoni fl-aħbarijiet jew f'programm ta' ġrajjiet kurrenti li jkunu qegħdin juru b'mod drammatizzat fatti

li attwalment ikunu ġraw u mhux xi allegazzjonijiet li xi ħadd qal jew ġrajjiet ipotetiċi. Per eżempju xhiedha li tingħata f'qorti tista' ssir b'mod drammatizzat dment li din tkun fidila għal dak li x-xhud ikun xehed dwarha. Mhux permess għalhekk li ssir drammatiz-zazzjoni fl-aħbarijiet u fil-programmi ta' ġrajjiet kurrenti li ma jkunx fattwali.

6.3 Meta l-programm ikun bil-Malti għandha tittella' fuq l-iskrin l-*caption* "Drammatizzazzjoni" filwaqt li meta l-programm ikun bl-Ingliż għandhom jintużaw il-kliem "*dramatised reconstruction*".

TAQSIMA 7

Stqarrijiet għall-Medja

**7.** Stqarrijiet għall-Medja

7.1 L-importanza ta' stqarrijiet għall-medja trid tintqies mis-siwi tagħhom bħala aħbar. Mhux hekk biss iżda aktar milli jikkwota kelma b'kelma mill-isqarrijiet tal-medja, ix-xandar għandu jara li l-persuna/organizzazzjoni li qed toħroġ dawn l-istqarrijiet tidher jew tinstema' fihom.

7.2 Fejn stqarrija għall-medja maħruġa bħala tweġiba għal x'ġara jew x'intqal qabel li ma tkunx diġà ġiet rappurtata mill-istazzjon konċernat minħabba li ma jkollhiex valur ta' aħbar, dak l-istazzjon għandu jipprovdi reżokont tal-istqarrija oriġinali flimkien mar-reazzjoni għaliha.

TAQSIMA 8

Jeddijiet għall-Ġieħ u l-Privatezza
u Drittijiet ta' Risposta

**8.** Jeddijiet għall-Ġieħ u l-Privatezza

8.1 Kulħadd għandu l-jedd jara li l-ħajja privata tiegħu u tal-familja tibqa' rispettata. Kull min ikun fl-aħbarijiet jew jaħdem fil-ħajja pubblika għandu l-jedd għall-ħarsien tal-privatezza ħlief meta l-ħajja privata ta' dak li jkun tista' tasal biex teffettwa l-ħajja pubblika.

8.2 Jista' jkun hemm każi fejn irid jintqies sewwa l-interess pubbliku mal-jedd li l-individwu jkollu rispettata, il-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu.

8.3 Meta l-ġurnalisti, l-edituri u l-produtturi jirrapportaw attivitajiet li jsiru f'postijiet pubbliċi, iridu jagħżlu b'għaqal xieraq dak li jisimgħu dikjarat, jaraw jiġri jew jintebħu bih billi jibqgħu jiżguraw il-jedd għall-privatezza individwali.

8.4 Meta jkun se jintwera materjal meħud minn kameras televiżivi b'ċirkuwitu ristrett, jinħtieġ jinkiseb il-permess minn qabel mingħand l-individwu li jidher fihom u li aktarx ma kienx jaf bihom. Iżda meta jkun fl-interess pubbliku li jintuża filmat bħal fil-każ biex jixxandar l-għemil ta' reat jew negliġenza grassa fl-immaniġġjar tal-affarijiet pubbliċi, il-permess tal-individwu li jidher fih ma jkunx meħtieġ.

8.5 Min jipprovdi l-materjal għall-aħbarijiet irid iqis sewwa jekk kienx hemm min intlaqat ħażin minħabba li l-materjal għall-aħbarijiet reġa' wara ntuża fi programmi oħra u b'kuntest/i differenti.

8.6 Il-jedd għall-privatezza għandu jkun rispettat fi żminijiet ta' luttu jew tbatija kbira. Wieħed irid bis-serjetà jqis sewwa l-qagħda ta' dak li jkun f'xi traġedja personali.

8.7 Jekk ma jkunx meħtieġ, bħal meta forsi biex tgħin lill-pulizija tagħraf lil dak li jkun, m'hemmx għalfejn jinġiebu jidhru mill-qrib xbihat ta' vittmi f'diżgrazzji. Bħala regola, m'għandhomx jitħabbru l-ismijiet tal-vittmi qabel ma jkunu jafu qrabathom.

8.8 Xeni ta' tbatija u ta' nies fil-hemm sikwit jagħmlu sehem sħiħ minn rapport ta' aħbarijiet fejn ikun hemm diżastri naturali, diżgrazzji jew vjolenza. Qabel ma jitħallew joħorġu xeni bħal dawn il-produttur irid iwieżen bir-reqqa l-ħerqa li jaqdi l-ħtieġa tas-sewwa, mas-sogru li joħloq sensazzjonaliżmu. Għandu jsir avviż minn qabel, iwissi li xi xeni li se jidhru, jistgħu ma jkunux addatti għat-tfal jew għal dawk li jimpressjonaw ruħhom.

8.9 Nies mixlija b'atti kriminali m'għandhomx jintwerew daqslikieku ġa nstabu ħatja. Qatt ma għandu jsir ġuri bil-medja qabel ma toħroġ sentenza mill-qorti. Wieħed għandu jqis sewwa li ma jixxandarx ripetutament filmat li jista' jippreġudika l-jedd għal ħaqq ħieles tal-mixli. Meta jsir rapport li xi ħadd tressaq il-qorti, dejjem għandu jibqa' rispettat il-prinċipju li wieħed għadu innoċenti. L-istil u l-importanza li bihom isir ir-rapport ta' nies li tressqu l-qorti għandu jkun jaqbel ma' dak ta' meta fl-aħħar tinqata' s-sentenza.

8.10 M'għandux jingħata l-post fejn wieħed jgħix jew fejn toqgħod il-familja tiegħu sakemm dan ma jkunx meħtieġ minħabba l-istħarriġ.

8.11 Filmjar u Rekordjar f'Istituzzjonijiet

8.11.1 Meta jingħata permess biex jittieħed film jew isir rikording f'xi istituzzjoni fejn in-nies dieħla u ħierġa l-ħin kollu iżda fejn normalment ma jitħallewx jiddaħħlu kameras mingħajr dan il-permess, aktarx li l-filmat ikun fih biċċiet ta' xi wħud li jkunu hemm dak il-ħin u ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-ħsieb ewlieni tal-programm.

8.11.2 Wieħed isaqsi kemm jistgħu nies bħal dawn jirrifjutaw u xi drittijiet għandhom, biex materjal bħal dan fejn jidhru huma ma jixxandarx. Is-soltu ma jkun hemm l-ebda obbligu li jintalab permess meta d-dehra ta' nies hekk, hija inċidentali u jkun jidher ċar li dawn huma hemm b'kumbinazzjoni u bħala membri li jagħmlu sehem mill-pubbliku in ġenerali.

8.11.3 Fejn id-dehra tagħhom ma tkunx inċidentali, meta ma jidhrux b'kumbinazzjoni avolja bla isem, jew ma jissemmewx, u jidhru f'xi qagħdiet partikolarment sensittivi (bħal ngħidu aħna pazjenti psikjatriċi, ħabsin, jew nies b'diżabilità) irid l-ewwel jinkiseb il-permess ta' kull wieħed u waħda minnhom biex il-materjal ikun jista' jintwera.

8.11.4 Meta minħabba xi diżabilità jew mard dak li jkun la jista' jagħti permess u lanqas jirrifjutah, għandu jintalab il-permess biex jintuża l-materjal mingħand il-qraba l-aktar viċin tiegħu jew minn min ikun qed jieħu ħsiebu/ha.

8.11.5 Kull eċċezzjoni tista' tiġi ġġustifikata meta jkun jidher ċar li dan qed isir fl-interess pubbliku.

8.12 Teħid ta' Films fuq Xogħol ta' Pulizija

8.12.1 Meta jingħata permess biex jittieħdu filmati tal-pulizija jew xi ħidmiet uffiċjali oħra, fejn ikun hemm ukoll membri tal-pubbliku fi nħawi jew f'postijiet oħra li m'humiex pubbliċi (eż.: żjarat fi djar b'digriet, stħarriġ għal għarrieda f'postijiet liċenzjati u oħrajn), għandha tkun ir-responsabbiltà tal-produttur jew tal-membru anzjan tal-kru, li jwaqqaf l-iffilmjar jew jitlaq minn fuq il-post jekk jintalab jagħmel hekk minn min ikollu s-setgħa.

8.13 Ħaqq ma' min ma għandux ħtija

8.13.1 Meta jkun hemm nies bla ħtija li jidhru f'qofol ta' xi rapport tal-aħbarijiet trid tittieħed aktar attenzjoni biex ma jidhrux fih u jinftiehmu ħażin, xi biċċiet dwar xi delitti serji, xi diżgrazzja kbira jew diżastru. Suġġetti ta' interess pubbliku bħal deċiżjonijiet li jmorru kontra l-ħaqq jew diskussjonijiet li jqumu dwar prinċipji legali, soċjali jew morali, għandhom jintqiesu importanti.

8.14 Kameras u Mikrofoni Moħbija

8.14.1 Mikrofoni u kameras moħbija jistgħu jintużaw biss fejn ikun meħtieġ li titwemmen u tidher tabilħaqq il-verità ta' storja. Meta tirrekordja bil-moħbi tista' tqarraq b'dak li jkun jew tisraqlu l-jedd li għandu tal-ħajja privata tiegħu. Meta jiġri hekk il-ġurnalist irid jikseb il-kunsens sħiħ tal-Kap tal-Aħbarijiet.

8.14.2 Meta jsir xi rikording bil-moħbi, il-kliem u x-xbihat irrekordjati jridu jaqdu, l-ewwel u qabel kollox, l-interess pubbliku li jiġġustifika:

i. id-deċiżjoni biex jinġabar dak il-materjal;
ii. ir-*recording* innifsu;
iii. ix-xandira.

8.14.3 Aġġeġġ elettroniku li jirrekordja m'għandux jitħalla xi mkien f'tal-privat mingħajr ma dawk li joqogħdu fil-post jagħtu l-kunsens sħiħ bl-għarfien kollu ta' dak li ser/qed jiġri, sakemm talba għall-permess bħal dan ma tisfrattax l-istħarriġ li jkun qed isir fl-interess ewlieni tal-pubbliku, minn dawk li qed itellgħu l-programm.

8.14.4 L-użu fid-dieher u bil-miftuħ ta' kameras u apparat li jirrekordja mqiegħed f'post pubbliku jew fi proprjetà privata, irid jintqies mal-importanza u n-natura tal-istorja. Ix-xandar m'għandux għalfejn jirfes aktar milli meħtieġ fl-imġiba privata.

8.14.5 Meta l-materjal għax-xandir jinkiseb bil-moħbi, kemm jekk minn post pubbliku kif ukoll jekk minn post privat, ix-xandar irid joqgħod attent li ma jirfisx il-privatezza ta' min ikun hemm

għaddej u li jista' jidher bla ma jaf fir-rikording. L-identità ta' nies innoċenti għandha tinsatar. Materjal meħud minn xi ħaddieħor li jiġi f'idejn ix-xandar irid jintqies bl-istess mod.

8.14.6 Ix-xandar għandu jżomm reġistru bid-dettalji kollha, inklużi l-verżjoni sħiħa u editjata tar-*recordings* meħuda bil-moħbi sa disgħin ġurnata wara li jixxandar il-programm.

8.15 Drittijiet ta' Risposta li Jiġu Mxandra

8.15.1 Meta xandar ikun se jxandar dritt ta' risposta huwa għandu jimxi ma' dawn il-ħtiġiet:

i. ir-risposta m'għandhiex tkun normalment itwal minn mija u tmenin sekonda;

ii. ir-risposta għandha tinqara kif tkun ġiet sottomessa u m'għandu jsir l-ebda kumment fit-test attwali tar-risposta mill-istazzjon;

iii. f'każ illi stazzjon ikun irid jikkummenta, l-istazzjon għandu jagħmel dan wara li jkun inqara t-test sħiħ tar-risposta;

iv. l-istazzjon dejjem għandu l-fakoltà li jeditja r-risposta biex jiżgura li din ma tkunx inġurjuża;

vi. ir-risposta għandha tixxandar fi żmien jumejn wara li tiġi riċevuta t-talba u l-istess prominenza għandha tingħata li dik ir-risposta bħalma tkun ingħatat lix-xandira oriġinali li dwarha qed tintalab ir-risposta;

vi. id-dritt ta' risposta jintilef wara li jiskadi xahar mid-data tax-xandira oriġinali.

18.15.2 Dawn il-ħtiġiet huma mingħajr preġudizzju għall-artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa.

## TAQSIMA 9

## Il-Vjolenza fl-Aħbarijiet

**9.** Il-Vjolenza fl-Aħbarijiet

9.1 Bħall-programmi l-oħra, ir-Rapporti tal-Aħbarijiet jaqgħu taħt dak li hemm meħtieġ bħala wiri għall-familja u hekk għandu jintqies. Madankollu dan il-prinċipju m'għandux inaqqas l-għażla tad-diversi xorta ta' stejjer li jkun fih rapport tal-aħbarijiet kif lanqas ma jinftiehem li xi ġrajjiet ġodda fl-aħbarijiet ma jingħatawx kif ikun jixirqilhom.

9.2 Kull suġġett ġdid fl-aħbarijiet għandu jixxandar b'mod li jqis sewwa lill-udjenza li jkollu. Meta jkun hemm xi biċċa filmat vjolenti għandhom jingħataw twissijiet xierqa minn ħafna qabel.

9.3 Wieħed irid joqgħod attent meta f'ċerti ħinijiet li t-tfal ikunu qed iħarsu jerġgħu jintwerew, fl-aħbarijiet ta' wara, l-istess xeni ta' vjolenza.

## TAQSIMA 10

## Jeddijiet it-Tfal

**10.** Jeddijiet it-Tfal

10.1 Għandu jittieħed ħsieb u għaqal partikolari kull fejn jidħlu ż-żgħar, kemm jekk ikun hemm interess privat kif ukoll jekk fi ħwejjeġ pubbliċi.

10.2 Meta f'xi stħarriġ tal-pulizija jew proċeduri tal-qorti jkun hemm imdaħħla ż-żgħar, l-aktar f'reati sesswali iżda wkoll f'każi oħrajn, iridu jittieħdu passi speċjali biex bl-ebda mod dak li jkun ma jista' jiġi indikat jew jintgħaraf.

10.3 Wieħed irid joqgħod attent sewwa meta jkun qed jirrapporta reati sesswali f'familja. Jekk jissemma l-mixli jew jiftiehem ir-reat jista' jkun li tintgħaraf il-vittma. L-għoti tal-indirizz tal-mixli jkompli jgħin biex jgħaqqad l-informazzjoni dwar min tkun il-vittma.

TAQSIMA 11

Materjal Promozzjonali fl-Aħbarijiet

**11.** Materjal Promozzjonali fl-Aħbarijiet

11.1 Kull xogħol li jintbagħat minn jew jitwassal għal xi organizzazzjonijiet uffiċjali, kumpanniji kummerċjali jew għaqdiet li jħabirku u jistinkaw għal ħaddieħor, għandu jkun immarkat ċar b'dak li hu meta jingħad jew jidher imxandar għal mhux aktar minn ħames sekondi.

11.2 Jistgħu jsiru eċċezzjonijiet meta l-materjal ikun fih innifsu qasir u bl-ebda mod ma jirreklama l-interessi ta' min qed jibagħtu. Madankollu, materjal li jkun jidher ċar li qed jirreklama għandu jitwarrab, sakemm il-ħidma ta' dik l-organizzazzjoni nfisha ma jkollhiex x'jaqsam mal-istorja fl-aħbar.

11.3 Affarijiet kummerċjali għandhom jidħlu biss jekk minnhom infushom ikollhom importanza bħala aħbar u mhux minħabba s-siwi tal-kont li għandu mal-istazzjon min qed jirreklama.

TAQSIMA 12

Programmar dwar Ġrajjiet Kurrenti

**12.** Ġrajjiet Kurrenti

12.1 L-għan tax-xandara għandu jkun li jippreżentaw programmi dwar ġrajjiet kurrenti:

i. b'mod li titħalla tinħoloq diskussjoni pubblika ta' għarfien dwar suġġetti siewja li jolqtu l-komunità;

ii. biex jinħolqu biżżejjed opportunitajiet sabiex joħorġu opinjonijiet meqjusa meta jissemmew suġġetti kontroversjali ta' importanza pubblika;

iii. ta' rilevanza immedjata għall-komunità, b'intervisti u kummentarji li jidħlu fil-qalba ta' dak li jingħad fl-aħbarijiet.

Bl-istess mod, serje ta' programmi dwar ġrajjiet kurrenti għandhom ikunu bbilanċjati b'suġġetti differenti, li jkunu jinkludu suġġetti soċjali, kulturali, edukattivi, ambjentali, ekonomiċi, industrijali u ta' natura politika, kif ukoll suġġetti oħra ta' interess

ġenerali. Meta s-suġġetti magħżula jindirizzaw affarijiet ta' kontroversja politika jew industrijali, jew ta' *policy* pubblika kurrenti, ix-xandar għandu jassigura li għallinqas matul serje ta' programmi, is-suġġetti magħżula jirriflettu biżżejjed id-dibattitu kurrenti li jaffettwa x-xena politika kollha tal-pajjiż.

12.2 Dak li jitlob l-Att dwar ix-Xandir li għandu x'jaqsam mal-imparzjalità jħalli serje ta' programmi jintqiesu bħala ħaġa waħda sakemm programm wieħed ta' ġrajjiet kurrenti ma jkunx bilanċjat fih innifsu; il-ħtieġa legali tal-imparzjalità tista' tkun: (i) fuq żewġ programmi, jew aktar, li għandhom x'jaqsmu fl-istess serje; (ii) meta x-xandiriet isiru tista' tgħid fl-istess żmien; (iii) meta matul l-ewwel programm ix-xandar javża lit-telespettaturi jew lis-semmiegħa bid-data ta' meta jkun se jsir il-programm l-ieħor, kif ukoll b'tagħrif biżżejjed ta' x'ser ikun is-suġġett, ta' min huma dawk li hemm ħsieb jieħdu sehem fih u li għalhekk maħsub jinżamm bilanċ fil-programm. Għal dan il-għan ''serje'' tfisser numru ta' programmi ta' ġrajjiet kurrenti, imxandra mill-istess stazzjon, kull wieħed minnhom marbut ċar mal-oħrajn u li jittrattaw l-istess argument jew affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu miegħu.

12.3 Dak li hemm f'dawn il-ħtiġiet li jirregola r-Rapporti tal-Aħbarijiet jgħodd ukoll għall-programmi ta' ġrajjiet kurrenti, ħlief għal dak li hemm fit-taqsima 7.

12.4 Minbarra dak li hemm imsemmi fuq fil-paragrafu 4.3, tat-Taqsima 4, imparzjalità ma tfissirx li għandu jkun hemm bilanċ sempliċement b'mod matematiku jew li jingħata l-istess ħin lil kull idea opposta li tingħad. Il-ġurnalisti u l-produtturi m'għandhomx għalfejn ikunu għal kollox newtrali dwar kull suġġett kontroversjali. Madankollu għandhom jaraw kif iwieżnu sewwa ż-żewġ xejriet opposti u jsibu mod kif ipattu jew joħolqu diskussjoni demokratika bejn ideat li ma jaqblux.

12.5 L-għażla ta' min għandu jieħu sehem fi stħarriġ investigattiv ġurnalistiku jew f'xi diskussjoni mill-istudjo trid tqis il-ħtieġa li dak li jkun, jagħraf jagħmel ħaqq, ikun jaf sewwa s-suġġett mistħarreġ, kif ukoll jagħraf iżomm bilanċ xieraq dwar dak li jingħad. Madankollu dawk li jieħdu sehem f'diskussjoni mill-istudjo aktarx jintgħażlu biex joħorġu opinjonijiet differenti. Meta l-materjal tas-suġġett jirreferi għal dak ta' kontroversja politika jew industrijali, jew jindirizzaw *policy* pubblika, din il-ħtieġa timplika li parteċipazzjoni fil-programm għandha tirrifletti rappreżentanza bilanċjata u kif tixraq tal-partijiet kollha interessati politiċi u ta' xorta oħra. Din ukoll timplika li l-użu ta' materjal awdjoviżwali, inklużi *clips* u *features*, f'dawn it-tip ta' programmi għandu jirrifletti b'mod bilanċjat l-fehmiet tal-partijiet kollha konċernati. Meta l-programm jinvolvi l-parteċipazzjoni attiva tal-udjenza, il-proċess tal-għażla tal-udjenza għandu, safejn hu possibbli, jassigura li l-udjenza hi magħmula minn persuni b'fehmiet differenti.

TAQSIMA 13

Intervisti

**13.** Intervisti

13.1 L-Intervisti

13.1.1 Min se jkun intervistat dwar kontroversja politika jew industrijali jew dwar ix-xejra pubblika magħrufa taż-żmien, għandu jkun jaf sewwa t-tiswira tal-programm li fih se jieħu sehem, xi jkun tabilħaqq is-suġġett u l-għan tal-programm kif ukoll x'aktarx jintuża dak li ser jintqal jew jingħad. Ix-xandar għandu jżomm dik il-parti tal-intervista fejn ikun talab il-kunsens ta' min se jkun intervistat biex jirrekordja l-intervista. Stazzjon għandu jżomm ir-*recording* ta' dik l-intervista għal perijodu ta' tliet xhur mid-data li fiha tkun rekordjata l-intervista jew parti minnha. F'dawn it-tliet xhur il-Kap Esekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ikollu d-dritt li jitlob lill-istazzjon biex jibgħat ir-*recordings* tal-intervista ħalli dawn ir-*recordings* jiġu vverifikati u, jekk ikun il-każ, li jittieħdu l-passi opportuni jekk ikun hemm nuqqas ta' osservanza tal-ħtiġiet hawn fuq imsemmija f'dan il-paragrafu.

13.1.2 Hekk kif isiru magħrufa dawk li ser jieħdu sehem, dak li se jkun intervistat għandu d-dritt ikun jaf min huma u x'se jkun sehemhom fil-programm.

13.1.3 Kultant min ikun intalab jiġi intervistat fi programm ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jilqa' l-istedina biex jieħu sehem. Dan ma jfissirx li l-programm għandu jitħassar. Il-preżentatur, bl-aktar mod normali u kemm jista' jkun distakkat, għandu jagħmel riferenza sempliċi għal dak li naqas jidher fil-programm u l-preżentatur għandu safejn ikun prattikabbli jgħid x'inhuma l-opinjonijiet tal-intervistat jew ta' l-organizzazzjoni tiegħu jew tagħha dwar is-suġġett li jkun qed jiġi diskuss dment li dik l-opinjoni tkun magħrufa.

13.1.4 Meta wieħed jaċċetta li jkun intervistat dwar xi ħaġa oħra barra minn dik maħsuba mill-produtturi għal programm ta' aħbarijiet, din tista' biss tintuża bla permess ta' min għamilha sakemm dan il-materjal jinħass importanti li jingħad fl-interess pubbliku.

13.1.5 Hija ħaġa normali li bħala parti mill-ġabra tal-aħbarijiet isiru intervisti għal għarrieda ma' nies importanti fil-ħajja soċjali jew magħrufa fl-aħbarijiet bla ma jinqalgħu problemi partikolari. Madankollu kultant jiġri li *reporter*, bla miftiehem, jaf jiltaqa' ma' u jintervista lil xi ħadd fi proprjetà privata jew f'postijiet bħal ristoranti, knejjes u nħawi oħra fejn min ikun qed jiġi intervistat jistenna, u bir-raġun, li tibqa' rispettata l-privatezza personali tiegħu. Intervisti bħal dawn għandhom biss jintużaw meta ma jkunx hemm aktar x'wieħed jagħmel u jridu jitqiesu b'żewġ aspetti ewlenin:

i. l-investigazzjoni tkun dwar delitt jew imġiba antisoċjali gravi u/jew

ii. l-individwu hekk intervistat ma jkunx wieġeb għal diversi talbiet biex ikun intervistat, irrifjuta li jkun intervistat bla ma ta raġuni serja, jew magħruf, meta mitlub, li jirrifjuta jew ma jmurx.

13.1.6 Wieħed irid joqgħod attent ħafna meta lil min ikellem ma

jkollux x'jaqsam direttament mal-allegazzjonijiet, bħal ngħidu aħna xi ħadd jiġi minnu, xi ħabib jew sieħeb fix-xogħol, biex ma jkunx hemm riskju li tintmess bla mitlub il-ħajja privata ta' dak li jkun.

13.2 Editjar ta' Intervisti

13.2.1 Fl-editjar ta' intervisti għandha tirbaħ l-imparzjalità u l-ħaqq. Intervisti rekordjati m'għandhomx jitgħawġu bl-editjar b'tali mod li tinħareġ minnhom tifsira ħażina ta' dak li jkun qal l-intervistat.

13.2.2 Meta jkunu se jintużaw intervisti meħuda mill-arkivji wieħed irid jara jekk dak li fihom għadux jiswa u fejn meħtieġ titniżżel ukoll id-data ta' meta kienu saru.

13.3 Intervisti Rekordjati bit-Telefon

13.3.1 Normalment taħditiet jew intervisti li jsiru bit-telefon m'għandhomx ikunu rekordjati biex jiddaħħlu f'xi programm, sakemm l-intervistatur ma jkunx qal min hu u li qed jirrappreżenta lil xi ħadd li għandu l-liċenza jew lil xandar, kif ukoll jinforma lill-intervistat li qed jirrekordjalu dik it-taħdita u li l-intervistat ta l-permess biex dik it-taħdita tkun tista' tixxandar fir-rapporti tal-aħbarijiet jew fil-programmi tal-ġrajjiet kurrenti. Ix-xandar għandu jxandar dik il-parti tal-intervista fejn ikun intalab minnu/minnha l-kunsens ta' min se jkun intervistat biex jirrekordja l-intervista.

13.3.2 Fil-ġurnaliżmu investigattiv jistgħu jinqalgħu okkażjonijiet meta proċeduri bħal dawn ma tkunx tista' tosservahom, bħal f'dawk il-każi li jinvolvu stħarriġ dwar allegazzjonijiet kriminali jew xi mġiba mhux xierqa.

13.3.3 Meta l-ġurnalista/produttur iqis li jkollu każ hekk, għandu, qabel ma jxandar dan il-materjal fi programm, l-ewwel jikseb il-permess tal-uffiċjal eżekuttiv tal-programmi l-aktar anzjan li jkun hemm fil-kamra tal-aħbarijiet.

TAQSIMA 14

Programmi ta' Diskussjoni

**14.** Programmi ta' Diskussjoni

14.1 Meta l-programm jieħu xejra ta' diskussjoni l-preżentatur għandu d-dmir ifakkar li xi ħadd importanti kien mistieden biex jieħu sehem u li dan ma laqax l-istedina. Filwaqt li l-preżentatur obbligat jinforma l-udjenza għaliex dan irrifjuta, jekk ir-raġuni tkun magħrufa, il-preżentatur m'għandux jinforma l-udjenza jekk dak li ma laqax it-talba biex jieħu sehem ma jkunx mistieden fil-kariga pubblika uffiċjali tiegħu u f'dan il-każ il-preżentatur għandu jimxi mad-disposizzjonijiet tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 13.1.3 ta' hawn fuq.

14.2 Kull organizzazzjoni u kull persuna għandha d-dritt li tirrifjuta stedina biex tipparteċipa f'programm iżda r-rifjut li tipparteċipa f'programm m'għandux awtomatikament ifisser li dak il-programm ma jkunx jista' jsir. Ir-raġuni għal dan hu li l-kanċellazzjoni titqies li tkun l-istess daqs li kieku ngħata dritt ta' veto dwar dak is-suġġett partikolari. Dan ikun inkonsistenti mad-

dover tas-servizz tax-xandir li jittratta ħwejjeġ importanti.

Nota:

Id-disposizzjonijiet ta' dan id-dokument dwar il-bulettini tal-aħbarijiet li ser jitwettqu, japplikaw ukoll għal programmi ta' ġrajjiet kurrenti. Bl-istess mod, id-disposizzjonijiet tat-taqsimiet 13.2 u 13.3 ta' dan id-dokument għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-bulettini tal-aħbarijiet.

TAQSIMA 15

Produzzjonijiet Indipendenti

**15.** Dmirijiet Ġenerali ta' Produtturi Indipendenti

15.1 Produzzjonijiet indipendenti magħmula għax-xandara jridu jimxu fuq l-istess *standards* u ħtiġiet ta' prattika kif imniżżla fil-partijiet ta' qabel ta' dan id-dokument daqslikieku kienu produzzjonijiet interni u jinħtieġ jikkonformaw ukoll ma' dak li hemm f'dawn il-Linji Gwida. Ix-xandar li jikkummissjona dan ix-xogħol jibqa' responsabbli għall-metodu użat kif ukoll għall-kontenut.

TAQSIMA 16

Obbligi Kontrattwali ta' Produtturi Indipendenti

**16.** Obbligi Kontrattwali ta' Produtturi Indipendenti

16.1 Kull kuntratt li xandar jagħmel ma' produttur indipendenti jrid idaħħal l-obbligu li josserva dak kollu li hemm f'dan id-dokument, fil-Kostituzzjoni, fl-Att dwar ix-Xandir u f'kull liġi oħra li għandha x'taqsam.

TAQSIMA 17

Ix-Xandar tas-Servizz Pubbliku

**17.** Regolamenti għax-Xandar fis-Servizz Pubbliku

17.1 Ir-regolamenti fit-Taqsimiet 18 u 19 mhumiex infurzati mill-Awtorità tax-Xandir imma jistgħu jiġu applikati minn xandar tas-servizz pubbliku.

TAQSIMA 18

L-Imparzjalità tax-Xandar tas-Servizz Pubbliku

**18.** L-Imparzjalità tax-Xandar tas-Servizz Pubbliku

18.1 Min italla' l-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti ma jistax ikollu rabtiet jew interessi oħra barranin li jistgħu jgħarrqu l-fama għall-imparzjalità, il-ġustizzja u l-integrità tax-xandar tas-servizz pubbliku.

TAQSIMA 19

Preżentaturi u *Reporters* Assoċjati primarjament max-Xandar tas-Servizz Pubbliku

**19.** Preżentaturi u *Reporters* Assoċjati primarjament max-Xandar tas-Servizz Pubbliku

19.1 Dawk li l-pubbliku primarjament jagħraf bħala

preżentaturi jew *reporters* tal-aħbarijiet jew programmi dwar ġrajjiet kurrenti fl-istazzjon tas-servizz pubbliku, iridu jidhru li jkunu imparzjali. Importanti li kull ħidma oħra barra mix-xandir, kemm ta' kitba kif ukoll l-għoti ta' intervisti jew diskorsi ma tħalli ebda dubju dwar l-oġġettività tagħhom fix-xandir. Jekk dawn il-preżentaturi jew *reporters* jesprimu ruħhom pubblikament barra mix-xandir f'xi argument ta' kontroversja, jistgħu jikkomprometttu serjament il-qagħda tagħhom fix-xandir. Kemm f'xogħolhom fix-xandir tas-servizz pubbliku kif ukoll f'xi attività ta' xandir ieħor mhux tas-servizz pubbliku bħal ngħidu aħna bil-kitba, bil-kliem bew ukoll bl-għoti ta' intervisti, m'għandhomx:

i. jgħidu kif jivvutaw jew juru ma' liema partit politiku jżommu;

ii. jgħidu kif jaħsbuha, favur jew kontra xi xejra tattika li tkun argument ta' diskussjoni tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien tal-partiti;

iii. jiddefendu xi qagħda partikolari dwar xi argument ta' diskussjoni jew kontroversja tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien;

iv. jinkoraġġixxu bidla fl-imġiba tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien billi jiġbdu l-attenzjoni fuqha.

TAQSIMA 20

It-Tqegħid fis-seħħ ta' dawn il-Ħtiġiet

**20.** L-Applikabbiltà ta' dawn il-Ħtiġiet

20.1 Id-disposizzjonijiet ta' dan id-dokument jgħoddu għax-xandara kollha tat-televiżjoni u tar-radju, kif ukoll għar-rapporti tal-aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti kemm jekk joħorġu minn xandar kif ukoll jekk jintgħamlu minn dar tal-produzzjoni indipendenti għall-imsemmi xandar, sakemm fihom ma hemmx mod ieħor.

TAQSIMA 21

Editur għal dawn il-Ħtiġiet

**21.** Editur għal dawn il-Ħtiġiet

21.1 Kull stazzjon tax-xandir irid jaħtar editur għal dawn il-ħtiġiet.

21.2 L-editur irid jagħmilha ta' uffiċjal tal-osservanza biex jiżgura li qed jitħarsu bir-reqqa l-i*standards* u l-ħtiġiet ta' prattika.

21.3 Kull stazzjon tax-xandir irid jgħaddi lill-Awtorità l-isem u l-kunjom ta' dan l-editur kif ukoll fejn u kif jista' jkun ikkontattjat kif ukoll kull tibdil li jkun hemm fil-ħatra f'dik il-kariga.